Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

10942/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0181 (NLE)**

**ACP 66**
**WTO 94**
**RELEX 764**
**COAFR 212**
**FDI 14**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/…**

**ta' …**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,**
**tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli**
**bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

1 ĠU C …, …, p. …. / Approvazzjoni ta’ … (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (EU) 2023/…[1+], il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi …[++], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 55 tiegħu, fl-Unjoni, ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku.

(3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/… ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola (ĠU L …, …, p. …).

[+] ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab f'ST 10940/23 fit-testu kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna rilevanti.

[++] ĠU jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-iffirmar tal-Ftehim. li Jinsab f'ST 10941/23.

*Artikolu 1*

Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ("il-Ftehim")[1+] huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 57(2) tal-Ftehim,[2].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[1] It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi… [daħħal ir-referenza tal-ĠU].
[+] Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 10941/23.
[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.